## DWAR IL-KELMA 'ĠIEĦ'

DIN il-kelma tingħad ħafna u biha nifhmu dak li b'kelma ta' nisel Taljan ngħidulu *unur*. Imma naħseb li ftit huma dawk li jafu illi l-kelma *ġieħ* hija sura oħra tal-kelma *wiċċ* li l-għeruq tagħha fil-Għarbi huma W.Ġ.H. mnejn joħroġ il-verb Malti *weġġaħ* = ta qima. Ir-raba' kmandament igħid *weġġaħ 'il missierek u 'l ommok.*

Mela l-kelma *ġieħ* sewwa sew tfisser *wiċċ*. Is-Sultan qatt ma tagħtih dahrek; biex toħroġ il barra timxi lura *wiċċek* lejh, u hekk inti tkun qed *tweġġħu*. Bil-Malti ngħidu *f'ġieħ Alla,* bil-Għarbi jingħad *għala waġħ Allaħ* jiġifieri *għal wiċċ Alla;* Taljan, per l'amore di Dio; Ingliż, For the love of God; Franċiż, Pour l'amour de Dieu.

Ġ. AQUILINA